MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 23/2009

**Carmela mart Carmelo Attard;**
**Gemma armla ta' George Abela;**
**Joseph Attard;**
**George Attard;**
**U**
**Carmelo Sultana li jidher ghan-nom u**
**In rappreżentanza tal-imsiefra Victoria Grima;**

**U**
**Mario Attard, Anthony Attard u Sharon Attard**
**Ilkoll ulied il-mejta Evelyn mart John Attard**
**u Sarah Sultana.**

**VS**

**Roderick Galea li b'degriet tal-21 ta' Lulju 2009**
**Gie nominat Kuratur Deputat sabiex**
**Jirrappreżentaw lil kull min għandu interess.**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew illi:

1. Illi l-esponenti huma proprjetarji tal-garage bla numru Triq it-Tmienja u għoxrin ta' April 1688, Xagħra, Għawdex provenjenti lilhom mill-wirt u suċċessjoni Emmanuel Attard li miet fl-24 ta' April 1990 li jiġi missier il-kontendenti Gemma Abela, Joseph, Victoria mart Eucharistico Grima, George, Sarah mart Carmelo Sultana, Carmela mart Carmelo Attard u n-nannu matern tal-aħwa Victoria Grima, Mario Attard, Anthony Attard u Sharon Attard.

2. Illi l-imsemmi garage ġie debitament dennunzjat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni denunzja numru G 445/90.,

3. Illi dan il-garage inbena madwar tnejn u ħamsin (52) sena ilu mill-istess Emmanuel Attard u l-esponenti jafuh dejjem possedut mill-imsemmi Emmanuel Attard u l-eredi tiegħu skond il-liġi 'uti dominus'.

4. Illi meta l-esponenti fetxew biex isiru l-provenjenza tat-titolu legali għal dan il-fond huma baqgħu ma sabu ebda att pubbliku li juri t-trasferiment tiegħu favur l-imsemmi Emmanuel Attard.

5. Illi sew l-imsemmi Emmanuel Attard u kemm l-esponenti ippossedew u qegħdin jipprossjedu dan il-fond, bħala sidien, paċifikament, pubblikament, ininterrottament, bħala sidien għal aktar minn tletin (30) sena u għalhekk legalment dan il-fond huwa tagħhom.

6. Illi l-esponenti jixtiequ jpoġġu l-kwistjoni tal-proprjeta' ta' dan il-garage lil hinn minn kull dubju.

Talbu lill-konvenut nomine jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċidi li l-esponenti flimkien mal-awtur tagħhom ilhom jippossjedu l-fond bla numru, konfinanti minn nofsinhar ma' triq 28 ta' April 1688, tramuntana ma' beni ta' Frangisk Attard u punent ma' beni tal-eredi ta' Salvu Bajada bħala sidien, pubblikament, ininterrottament, paċifikament u għal aktar minn tletin (30) sena.

2. Konsegwentement tiddikjara li l-istess fond huwa proprjeta' esklussiva tal-esponenti minħabba l-preskrizzjoni akkwiżittiva.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut nomine li eċċepixxa illi:

1. Illi fl-ewwel lok, il-kawża odjerna hija irrita u nulla għaliex ma tistax tiġi preżentata kawża kontra 'kull min għandu interess'. F'kull kawża jeħtieġ illi jkun hemm leġittimu kontradittur illi jkun ta' lok għal dik il-kontenzjoni u dik il-vertenza billi b'xi mod ikkointradiċa l-pretensjonijiet tal-attur/i. Fil-każ odjern dak l-elementi huwa għal kollox mankanti u per konsegwenza l-esponenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi għaliex mhuwiex minnu illi huma, u qabilhom Emanuel Attard, ippossedew il-garage bla numru fi Triq 28 ta' April 1688, Xagħra, Għawdex bir-rekwiżiti neċessarji sabex jirradikaw id-dekors tal-preskrizzjoni akkwiżittiva triġenarja. L-imsemmi Emanuel Attard daħal fil-pussess ta' dak il-garage b'titolu prekarju mingħand ħuħ Giusepp Attard u matul is-snin illi matulhom il-garage baqa' fil-pussess tiegħu, u warajh, ta' uliedu, ma kien hemm ebda interversjobi f'dak it-titolu. Per konsegwenza l-pretensjoni tal-atturi illi huma akkwistaw dan il-fond bis-saħħa tal-preskrizzjoni akkwiżittiva triġenarja hija infondata fid-dritt u fil-fatt.,

3. Salvi eċċezzjobnijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Novembru 2009 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din l-eċċezzjoni.
Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed ifittxu dikjarazzjoni minn din il-Qorti li huma l-proprjetarji tal-fond indikat li huma akkwistaw bis-saħħa tal-preskrizzjoni trentennali. Il-kawża pero' ma ndirizzawha lejn ħadd in partikolari u minflok għażlu li jistitwuha kontra "***kull min għandu nteress***." In segwitu talbu l-ħatra ta' kuratur sabiex jirrappreżenta "*lil kull min għandu interess jopponi t-talba tal-atturi*", u għall-fini tan-notifika bil-bandu identifikaw lil Roderick Galea. Infatti l-istess persuna, filwaqt li aċċettat il-bandu "*mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet kollha illi huwa jista' jissoleva dwar l-irritwalita' ta' din il-kawża*" ntavolat nota ta' l-eċċezzjonijiet, bl-ewwel eċċezzjoni tagħha tkun appuntu n-nullita' tal-kawża minħabba li saret kontra kull min għandu nteress.

Is-sentenza preżenti qed tindirizza proprju din l-eċċezzjoni preliminari. Ir-**Ricci** jispjega illi:

*"La citazzjoni e' l'atto fondamentale del giudizio. **Citatio principium et fundumentum est iudicii**. La citazione risponde al principio, che nessuno puo' venir giudicato senza essere ascoltato, ed all'altro, che la difesa e' di diritto naturale.*

*Ogni negazione o violazione di un diritto, vera o presunta che sia, puo' dar luogo ad un giudizio, col quale s'invoca l'autorita' della legge per assicurare il possesso sicuro e tranquillo dei proprii diritti. Diciamo violazione o negazione vera o presunta che sia, perche' a nessuno puo' vietare di ricorrere al magistrato, qunad'anche l'azione che egli intenta possa qualificarsi ingiusta e vessatoria…*

*Essendo la citazione un corollario necessario del diritto naturale di difesa, ne conseguita che colla medesima debbesi raggiungere un triplice scopo.*

*1. Quello di far conoscere al citato cio' che l'attore chiede dal medesimo. Niuno infatti potrebbe apprestarsi a seriamente difendersi, se non sia edotto di quanto si chiede e si vuole da lui.*

*2. Quello di mettere in mora il convenuto, perche' esso stesso possa, ove lo creda, adempire volontariamente gli obblighi assunti senza che vi sia costretto da una sentenza del giudice. Molte volte puo' il convenuto ignorare in buona fede di dovere qualche cosa all'atttore, ovvero puo' essere ritenuto dal soddisfare ai proprii impegni dall'indolenza o noncuranza dell'attore medesimo. Se dunque l'atto di citazione non potesse mettere in grado il convenuto di riconoscere la sua obbligazione, e di sodisfarla volenterosamente, si riuscirebbe a violare il principio naturale di difesa per la evidente ragione, che si costringerebbe taluno ad una larva di difesa, mentre conosce e mostra col fatto di essere persuaso di non avere alcuna offesa da respingere da se'. Il constringere altri a difendersi suo malgrado e' sconoscere il diritto che egli ha di soddisfare volontariamente ai suoi impegni; e la larvata difesa che egli s'impone, lo mette nell'impossibilita' di difendersi realmente da chi gli contrasta l'ezercizio di un vero diritto.*

*3. Quello di porre in grado il convenuto di approntare i mezzi idonei di difesa contro gli attachi dell'attore. Il diritto infatti di difesa riescirebbe ad una derisione, se a chi deve difendersi non si concedessero e il tempo e l'agio di poterlo fare opportunamente. La difesa non si esercita se non facendo valere i mezzi atti a raggiungere un siffatto scopo. E' mestieri dunque che dall'atto di citazione possa il convenuto comprendere, a quali mezzi e' d'uopo che egli ricorra per la tutela de' proprii diritti.*

*Perche' l'atto di citazione raggiunga questo triplice scopo e' necessario che sia notificato a chi deve averne conoscenza."* [1]

Minn din it-tifsira ta' x'inhu l-iskop taċ-ċitazzjoni, joħroġ evidenti illi l-konvenut irid jingħata l-possibilita' li jiddefendi ruħu sewwa kontra d-domandi ta' l-attur, u dan billi jingħata tifsira ċara ta' x'inhu jippretendi l-istess attur minnu. Fil-każ in eżami ma nafux min hu l-konvenut, għax ma ġie identifikat ħadd speċifikament. Konsegwentement lanqas jidher illi jeżisti xi ħadd li qed tikkontesta d-dritt pretiż mill-atturi, għax kieku kien ikun ferm iżjed faċli li tiġi ċitata din il-persuna direttament. Fid-dawl għalhekk tad-dmir li timponi l-liġi fuq il-kuraturi li "***għandhom jagħmlu l-ħila tagħhom kollha għad-difiża ta' l-interessi li għalihom ikunu jidhru***",[2] il-konvenut nomine lanqas jista' biss ikun jaf ta' min u x'inhuma l-istess interessi. Ġie għalhekk imqiegħed fl-impossibilita' illi jiddefendi dawn l-interessi minħabba li m'għandux l-iċken ħjiel dwar min huma l-antagonisti ta' l-atturi.

Terġa' tqum problema serja oħra x'ħin wieħed jiġi biex jesegwixxi s-sentenza, f'każ ta' eżitu favorevoli għall-atturi. Kontra minn ser issir tali eskussjoni? Kif ser tintgħażel persuna u mhux oħra. Kull min jiġi rinfaċċjat b'tali sentenza jista' jissottometti illi din ma tagħmilx stat fil-konfront tiegħu, għax huwa qatt ma kien parti fil-kawża, u jkollu raġun għax huwa magħruf illi sentenza tagħmel stat biss fil-konfront tal-kontendenti u ħadd iżjed.

Kif intqal mill-qrati tagħna f'dan ir-rigward: "*Hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jiġu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta' dawk il-partijiet - persuni kontendenti fil-kawża - li jkunu qed jiġu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza tagħmel stat u torbot lil dawk il-persuni u hu ċar li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati, dik ir-rabta ma tirriżultax effikaċi fil-liġi.*" [3]

---

[1] Francesco Ricci : Commento al Codice di Procedura Civile : ed.1876 vol. I para. 261 - 2 pag. 223 - 4 .
[2] art. 36(1) tal-Kap. 12 .
[3] Victor Zammit et vs. Joseph Stivala : 19.04.1999 .

Finalment l-artikolu 158 (7) tal-Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ma jħalli ebda dubbju dwar min jista' jkun konvenut f'kawża, meta dan ma jkunx imħarrek *in persona*. Infatti f'dan is-subinċiż jissemmew biss "*l-assenti, jew minuri jew persuna inkapaċi skond il-liġi, jew wirt battal, u jkun jidher għalih prokuratur jew kuratur*…". Huwa evidenti għalhekk illi l-liġi tagħna ma tikkontemplax l-possibilita' li jiġi mħarrek xi ħadd biex jidher għal kull min għandu interess.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut nomine, tiddikjara l-kawża odjerna irrita u nulla għaliex ma tistax tiġi preżentata kawża kontra "kull min għandu interess", u tillibera lill-istess konvenut nomine mill-osservanza tal-ġudizzju.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------